MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 146/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Richard u Marion mizzewgin Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tas-16 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datati 20 ta’ Frar 2003 (Dok. A) u 23 ta’ Settembru 2006 (Dok. B), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Richard u Marion mizzewgin Zammit;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Richard u Marion mizzewgin Zammit fis-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, sitt mija u sitt Euro u sbatax-il centezmu (€26,606.17) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Richard u Marion mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa

C9, u Dok. D1 sa D2) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A u B rispettivament), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Richard u Marion mizzewgin Zammit

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Richard u Marion mizzewgin Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Richard u Marion mizzewgin Zammit gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 31 ta’ Lulju 2009,  li kopji taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. E, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti rispettivament bhala Dokumenti A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Richard u Marion mizzewgin Zammit (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati

sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Richard u Marion mizzewgin Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti Richard u Marion mizzewgin Zammit, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u sitt Euro u sbatax-il centezmu (€26,606.17) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Richard u Marion mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C9 u Dok. D1 sa D2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Lulju 2009 kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fis-seduta tas-19 ta' Mejju 2011 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. E annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimati), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------